**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 44 – IT-TLIETA 23 TA' MARZU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fis-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tlieta u erbgħin (43) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2 KORRISPONDENZA.**

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn 9 ta' Marzu u t-22 ta' Marzu 2010.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0687/10. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet qed turi t-tħassib tagħha dwar kif ġew trasferiti s-Segretarji Eżekuttivi fiċ-Ċivil.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0721/10. L-E.T.C. staqsiet jekk il-Kunsill Lokali kienx

sejjer ijġedded il-ftehim tal-Handyman Ramond Brincat għall-sitt xhur oħra.

Doc. A u B anness

**2 ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn id-9 ta' Marzu u t-22 ta' Marzu 2010, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward rapport Nru.16-03/1 li hemm 'is-slide' tal-Bandli mkissra u fiha l-ħotob; jiżdied il-logħob u suġġeriment biex issir xi tip ta' nett mirħabba ix -xemx. Il-Kunsill diġa ħa passi biex ibiddel nofs 'is-slide' li tinsab imkissra; rigward ix-xemx hemm il-Gazebo bħala protezzjoni.

3.3 Rigward rapport Nru.22-03/1 dwar bini illegali li qed isir fl-għalqa ta' Triq il-Wied kantuniera ma' Triq Ġużè` Galea; Il-Kunsill reġa ħa passi minnufih u rraporta lill-Mepa.

3.4 Rigward ilment Nru. 23/03-2 minn resident li qed jgħid ' li l-Camera' ta' Triq Geronimo Abos m'hiex taħdem il-ħin kollu. Il-Ħadd ikun hemm diżastru sħiħ. Dan qal li hemm bżonn aktar kontroll biex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-resident. Il-Kunsill qal ' li l-Camera' qiegħda hemm 24 siegħa, iżda sejjer jinvestiga dan il-kaz.

**4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

**5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.**

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 01449/09, Salrit, Triq l-Iklin. Żieda fil-bini fit-tieni sular, bini tat-tieni sular, u bini l-ġewwa fit-tielet sular. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar PA 04652/09, 26, Triq Pietru Pawl Saydon. Biex jiġi approvat garaxx. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 02664/07. 33, Triq Karmenu Vassallo. Biex jiġi approvat garaxx kif inbena u alterazzjonijiet. L-applikazzjoni ġiet diferita għal-aktar informazzjoni.

5.5 Dwar PA 04046/09. 2, Maranta, Triq Dun Karm c/w Triq Geronimo Abos. ‘Change of use’ minn residenza għal-ħanut klassi 4 ( Sala tal-Arti).Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.6 Dwar PA 04700/09. Sit fi Triq Anton Buttigieg. Ħatt ta’ dar eżistenti u bini ta’ garaxx fil-basement, maisonette, żewġ flats u washrooms. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.7 Dwar PA 03423/09. 113 Triq Geronimo Abos. Biex jiġu approvati tined tal-kanvas. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.8 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 00334/10. Żieda ta’ parkeġġ ġdid u ‘traffic management’ fi Triq P.M. Vella c/w Triq Censu Busuttil.
Kunsill Lokali Iklin.
PA 00661/10. Tiġdid ta’ permess PA 3378/05. Sit fi Triq Gharghur.

## 6. ĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER MANUTENZJONI U KISI TA’ TOROQ.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex qara l-kwotazzjonijiet kollha li rċieva l-Kunsill Lokali meta nfetħu t-Tenders:

| | |
|---|---|
| a) Road Servicing Ltd | €43092.05 |
| b) Asfaltar Construction Ltd | €38445.00 |
| c) Vella Group Ltd. | €38221.20 |
| d) Schembri Infrastructure Ltd. | €50866.25 |
| e) Polidano Bros. Ltd. | €35637.23 |
| f) Bonnici Bros. Ltd | €28929.65 |

Doc. E anness.

6.2 Hu qal li dawn issa sejrin jiġu eżaminati mill-Contract Manager tal-Kunsill għal-prezzijiet u dettalji tekniċi.

6.3 Il-Kunsill Lokali ‘mbagħad jimxi fuq il-parir tal-Periti u jieħu deċiżjoni finali.

## 7. JUM L-IKLIN

7.1 Is-Sur Dalli ħabbar li reġa wasal iż-żmien biex norganizzaw l-attivitajiet ta' Jum L-iklin.
Hu kien qed jissuġġerixxi li dawn isiru fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju.
Talab lill-Kunsilliera biex joffru xi suġġerimenti biex niddiskutuhom fil-laqgħa li jmiss.

**8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex irrefera għar-risposta datata is-17 ta' Marzu 2010 li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-bankini ta' Triq Ċensu Busuttil.

8.2 Il-Korporazzjoni kienet lesta li tagħmel ix-xogħlijiet "tal-House Connections" u toħroġ il-materjal tagħhom, toħroġ il-pipijiet tal-Mains, iżda kienet qed titlob lill-Kunsill Lokali biex l-ispejjez tax-xogħlijiet "tal-Mains" ġodda li jammontaw għal €17,828.00 toħroġhom hi.

8.3 Il-Kunsill Lokali kien talab biss li jsiru l-bankini u mhux tinfetaħ it-triq. Dan mhux aċċettabbli għall-Kunsill.

8.4 Għaldaqstant il-Kunsill sejjer jikteb lill-Korporazzjoni li hija sejra tipproċedi bix-xogħlijiet u żżomm lil-Korporazzjoni responsabbli jekk fuq il-bankini jsiru xi ħsarat jekk dawn jerġgħu jinfetħu.

8.5 Is-Sindku qara Memo 45/2010 li kien għadu kif wasal filgħodu dwar skema ġdida maħruġa mid-Dipartment tal-Gvern Lokali għal kisi ta' toroq bit-tarmac.

8.6 Il-Kunsilli kienu qed jiġu mistiedna biex jipparteċipaw taħt din l-iskema ta' Public Private Partnership fejn jidħlu fi ftehim ma' kuntrattur biex isiru toroq bit-tarmac u ħlas isir fuq medda ta' 8 snin. Il-Kunsill diġa identifika żewġ toroq; Triq Frederick Borg u Triq Hwawar.
Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju biex jitlob lil-Contract Manager ilesti l-istimi w l-pjanti minnufih biex issir talba formali mad-Dipartiment.

8.7 Is-Sur Dalli irrefera wkoll għall-konferenza "tal-European Cities Against Drugs" li sejra issir f'Għawdex mit-22/24 ta' April

2010. Għal din il-konferenzxa ġew mistiedna s-Sindku u

Kunsillier.

8.8 Wara lis-Sindku Anthony Dalli staqsa lil-Kunsilliera minn jixtieq jattendi, is-Sur Ronald Cauchi qal li hu kien interessat. Għaldaqstant kien ġie ikkonfermat li għal din il-konferenza sejrin jattendu s-Sur Anthony Dalli, Sindku u s-Sur Ronald Cauchi, Kunsillier.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.01 Il-Kunsillier Margaret Zammit irreferiet għal korrispondenza Nru. 814/10 bid-data tas-16 ta' Marzu 2010 li bagħat resident minn Triq Anton Buttigieg li kien qed jilmenta fuq il-bankini ħżiena li hemm. Hi staqsiet għaliex din ma deheritx mal-korrispondenza.

9.02 Jidher li din l-ittra ma ġietx irreġistrata mal-korrispondenza ta' dik il-laqgħa, iżda sejra tidher fil-laqgha li jmiss.

9.03 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgha ġiet fi tmiemha fis-6.20pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 12 ta' April 2010 fil-5.30pm.

9.04 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn12 ta' April 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv. |